**JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2001**
Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 4** | **STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI)** | **ĦIN: SIEGĦA U NOFS** |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: ____________________

**Taqsima A**
**Imla l-vojt b'dawn il-kliem:**
Fundamentaliżmu; gruppi soċjali; identita'; komunikazzjoni tal-massa; konflitti soċjali; kontroll soċjali; liġi tal-familja; soċjalizzazzjoni; soċjeta; stratifikazzjoni soċjali.

1. Bil-proċess ta' ______________________ l-individwu jitgħallem liema huma l-valuri, normi u l-imġiba soċjali.
2. Id-differenza fil-livell ta' edukazzjoni, qligħ u ħiliet hi parti mis-soċjeta'. Din tissejjaħ ______________________.
3. Il-______________________ jinkludu l-familja, is-soċjeta' ċivili u politika u l-komunita' reliġjuża.
4. ______________________ hi dik il-miġemgħa ta' individwi li r-relazzjonijiet tagħhom huma mmexxija minn liġijiet u dmirijiet li jagħtu sens lill-ħajja.
5. Il-ħajja soċjali għandha regoli li rridu nimxu magħhom u dan jissejjaħ ______________________.
6. Id-diżugwaljanza u d-diskriminazzjoni jwasslu għall-protesti u għall-______________________.
7. Is-soċjeta' tal-bniedem inbidlet bis-sħiħ hekk kif ġew żviluppati mezzi ġodda ta' ______________________ bħar-radju, it-televiżjoni, il-vidjo, l-internet.
8. Permezz tal- ______________________ l-mara u r-raġel miżżewġin għandhom jaqsmu flimkien ir-responsabbilta' tat-tmexxija tal-familja.
9. Fejn hemm fanatiżmu politiku jew reliġjuż x'aktarx li jinbet il- ______________________.
10. L- ______________________ Maltija hija magħmula minn storja, reliġjon u kultura.

(10 marki)

**Taqsima B**
**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:**
1a. Għaliex is-soċjalizzazzjoni li sseħħ fil-familja tissejjaħ primarja?

______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________(5 marki)

b. Barra l-familja semmi 2 aġenti ta' soċjalizzazzjoni u spjega r-rwol tagħhom.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________(1,1,3,3 – 8)

2a. In-nies fis-soċjeta' għandhom rwoli differenti. X'tifhem b'dan? Agħti żewġ eżempji.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

____________________________________________________________________(3,1,1 – 5)

b. Kif tfisser il-frażi "kulħadd l-istess"?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________(5 marki)

3a. Il-konflitti jistgħu jidhru taħt diversi forom. Semmi 3 minnhom.

(i) __________________________________

(ii) __________________________________

(iii) __________________________________ (1,1,1 – 3)

b. X'qed jippruvaw jagħmlu l-istati moderni biex inaqqsu l-konflitti soċjali?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________(5 marki)

4. X'differenza tgħaddi bejn servizzi mhux kontributorji u dawk kontributorji?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

____________________________________________________________________(2,2,1 – 5)

5. Semmi 5 modi kif l-anzjani jistgħu jkunu utli fis-soċjeta' llum.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________(5 marki)

4. Id-devjazzjoni tista' tkun problema fiżika u soċjali. Iżda b'rieda soda u b'għajnuna speċjalizzata bniedem bi problemi jista' jiġi mgħejjun biex jegħlibha u joħroġ minnha. Semmi 5 modi ta' għajnuna fi problemi ta' devjazzjoni.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(5 marki)

7. Semmi 4 servizzi li l-Knisja lokali toffri b'riżq is-soċjeta' Maltija.

(i) _______________________________

(ii) _______________________________

(iii) _______________________________

(iv) _______________________________ (1,1,1,1 – 4)

**(50 marka)**

**Taqsima Ċ**

**<u>Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet</u>:**

"Is-soċjeta' …hija magħmula minn ħafna taqsimiet ta' klassijiet u xogħlijiet imqassmin kollha skond il-ħtiġijiet tagħha. Il-bniedem jilbes u għalhekk għandu bżonn ix-xogħol tal-ħajjat; ixidd iż-żarbun u għalhekk għandu bżonn ix-xogħol ta' l-iskarpan; jiekol u għalhekk għandu bżonn ix-xogħol ta' min jaħdem l-art, jew l-oġġett fl-industrija, kif ukoll tal-bniedem li jbigħ l-oġġett maħdum fil-ħwienet. Irid l-indafa fit-triqat u mela għandu bżonn il-kennies; meta hu ħaj għandu bżonn min jipprovdilu l-ħwejjeġ meħtieġa għall-ħajja u meta jmut min jidfnu. Kenniesa, deffiena, nies tal-ħwienet, skrivani, tobba, nutari u ħaddiema oħra, kollha huma l-ħoloq ta' dik il-katina twila li torbot sħiħ il-ġisem tas-soċjeta'.
Kieku kellek tneħħi din il-katina, il-ġisem tas-soċjeta' kien jaqa' biċċa biċċa bħal ma kien jaqa' biċċa biċċa l-għadam ta' skeletru.
("Taqsim tas-Sejħiet tas-Soċjeta' " ta' Ġuże' Aquilina, *Madwar il-Ħajja*, is-sitt ktieb, 1974)

1. Semmi 4 ħtiġijiet li s-soċjeta' trid tipprovdi lill-membri tagħha.

(i) _______________________________

(ii) _______________________________

(iii) _______________________________

(iv) _______________________________ (1,1,1,1 – 4)

2. Għaliex il-bniedem iħoss il-bżonn ta' l-oħrajn?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(3 marki)

3. L-iżvilupp tal-bniedem jiddependi mill-ħajja tiegħu fil-komunita'. X'differenza tgħaddi bejn komunita' u soċjeta'? Kif jistgħu jgħinu l-iżvilupp tal-bniedem?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(3,2,2,1 – 8)

**(15-il marka)**

**Taqsima D**

**<u>Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb mhux inqas minn 200 kelma dwaru</u>:**

1. Permezz ta' eżempji iddiskuti kif il-'mass media' tinfluwenza l-attitudni tan-nies.

2. Jeżistu klassijiet soċjali f'Malta? Spjega t-tweġiba billi tagħti eżempji.

3. Is-servizzi ta' għajnuna soċjali waħedhom itaffu l-problema tal-faqar?

4. "Bidliet soċjali u ekonomiċi jġibu magħhom bidla fil-ħajja ta' l-individwi fis-soċjeta'." X'taħseb?

5. "L-anzjani huma spiss meqjusa bħala dawk li jieħdu mingħand is-soċjeta' iktar milli jagħtu." Ikkummenta.

**25 marka**